**PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta’ mandat t’inibizzjoni bin-numru 497/2024/1 MS fl-ismijiet:*

**Germano Arnò u Giuseppe Pappolla bħala diretturi in rappreżentanza tas-soċjetà Em@ney plc**

**Vs.**

**Awtorità ta’ Malta għas-Servizzi Finanzjarji u Camille Pepos bħala Head of Fintech Supervision u Rachel Gauci, Deputy Head Fintech Supervision fi ħdan l-MFSA**

1. Dan huwa dikriet dwar talba li saret mir-rikorrenti b’rikors tal-20 ta’ Marzu 2024 għall-ħruġ ta’ mandat t’inibizzjoni sabiex l-intimati jinżammu milli «*jinsistu fuq il-produzzjoni tad-dokumenti indikati minnhom fl-email tagħhom datata 14 ta’ Marzu,*

*2024 hawn annessa u milli jiksbuhom bi kwalunkwe mod; (2) milli jkomplu jirrifjutaw li jneħħu l-ismijiet ta' Rosario Fiorentino, Gianfranco Vento, u Massimo Famularo bħala kandidati prospettivi biex jiġu approvati bħala Diretturi u uffiċjali tas-soċjetà Em@ney plc, u jekk eżistenti u s'issa mhux magħrufa għas-soċjetà rikorrenti, kull persuna illi setgħet ġiet proposta unilateralment mill-Absolute, jew kwalunkwe persuna oħra mingħajr m'għaddew mill-proċess leġittimu, (3) milli jaġixxu bi ksur tar-regoli u liġijiet tagħhom stess fil-konfront ta' Em@ney plc, u dan ai termini tal-artikolu 873(1) tal-Kapitolu 12 tal-liġijiet ta' Malta*».

2. L-intimati wieġbu fil-25 ta' Marzu 2024 billi taw ir-raġunijiet għaliex skont huma l-mandat m'għandux jinħareġ.

3. Inżammet udjenza fit-8 t'April 2024 li matulha t-talba għall-ħruġ tal-mandat ġiet trattata mid-difensuri tal-kontendenti

4. L-artikolu 873(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid li: «*L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat*», filwaqt li l-artikolu 873(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid li, «*Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet*».

5. Minn żmien ilu, ġie kkunsidrat illi l-elementi neċessarji sabiex tiġi milqugħa talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dan huma tlieta, u ċjoè (i) li jidher li l-intimat ikun se jwettaq fatt li jkun ta' ħsara għar-rikorrent; (ii) li r-rikorrent ikollu jedd mad-daqqa t'għajn li jimpedixxi dak il-fatt milli jseħħ; u (iii) li l-ħruġ tal-mandat ikun neċessarju sabiex jiġi preservat dak id-dritt (ara, per eżempju, ***Giacomo Galea vs. Pio Bezzina***, Appell Superjuri, 5/8/1954[1], fost bosta deċiżjonijiet oħra). Meta mbagħad il-ħruġ tal-mandat tintalab kontra «*l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna lijkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha*», b'applikazzjoni tal-artikolu 873(3) tal-Kodiċi preċitat, jiżdiedu żewġ elementi oħrajn, u ċjoè li (iv) l-persuna li fil-

[1] Kollezz. Vol.XXXVIII.i.336.

konfront tagħha jkun qed jintalab il-mandat tiddikjara fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li r-rikorrent irid iżomm milli ssir tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u (v) kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma.

6. Issa waqt is-smigħ li nżamm fit-8 t'April 2024, id-difensur tal-Awtorità intimata (li bla dubju taqa' f'dik il-kategoriji ta' persuni li jiġbdu l-applikazzjoni tal-artikolu 873(3) tal-Kodiċi ritwali) iddikjara fil-qorti bil-miftuħ «*...li l-Awtorità intimata, li ma kienx għal dan il-Mandat, ċertament tinsisti fuq il-produzzjoni tad-dokumenti ndikati fl-email tal-14 ta' Marzu 2024*».

7. Il-kontenut ta' din id-dikjarazzjoni, li ġie limitat għall-fatt li jifforma l-oġġett tal-ewwel parti tat-talba tar-rikorrenti, ifisser li skont l-artikolu 873(3), il-mandat mitlub mir-rikorrenti ma jistax jinħareġ fil-konfront tal-partijiet l-oħra mit-talbiet tagħhom li dwarhom ma saret ebda riferenza f'din id-dikjarazzjoni.

8. F'kull każ, però, dawk it-talbiet xorta waħda ma setgħux jintlaqgħu fi proċedura bħal din.

9. Dik il-parti tat-talba li riedet li l-intimati jinżammu «*(2) milli jkomplu jirrifjutaw li jneħħu l-ismijiet ta' Rosario Fiorentino, Gianfranco Vento, u Massimo Famularo bħala kandidati prospettivi biex jiġu approvati bħala Diretturi u uffiċjali tas-soċjetà Em@ney plc, u jekk eżistenti u s'issa mhux magħrufa għas-soċjetà rikorrenti, kull persuna illi setgħet ġiet proposta unilateralment mill-Absolute, jew kwalunkwe persuna oħra mingħajr m'għaddew mill-proċess leġittimu*» ma hija xejn ħlief mod kif tressaq talba f'dawn l-atti li permezz tagħha l-qorti effettivament tkun qed tordna lill-intimati jagħmlu xi ħaġa, minflok iżżommhom milli jagħmlu xi ħaġa, li hu l-uniku skop li għalih huwa konsentit mandat t'inibizzjoni. Sa minn żmien ilu ġie ritenut li mandat t'inibizzjoni jirrigwarda obbligazzjonijiet *di non fare* u ma jistax jintuża biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa minflok (ara b'approfondiment id-deċiżjoni ***Publio Cachia vs. Francis Cachia***, Appell Superjuri, 30/10/1957)[2]. Għalhekk din it-talba qatt ma setgħet tintlaqa'.

[2] Kollezz. Vol.XLI.i.498.

10. Imbagħad l-aħħar parti tat-talba tar-rikorrenti, u ċjoè dik li taqra: «*(3) milli jaġixxu bi ksur tar-regoli u liġijiet tagħhom stess fil-konfront ta' Em@ney plc, u dan ai termini tal-artikolu 873(1) tal-Kapitolu 12 tal-liġijiet ta' Malta*», ukoll ma tistax tintlaqa'. Mhux biss għaliex ma saret ebda dikjarazzjoni mill-intimati (u kieku saret, kienet issarraf f'dikjarazzjoni li l-intimati kienu beħsiebhom jaġixxu bi ksur tal-liġi), iżda wkoll għaliex mandat t'inibizzjoni ma jistax jintalab b'mod ġeneriku, u ċjoè sabiex persuna tiġi miżmuma milli tikser il-liġi. Mandat bħal dan irid jindika bi preċiżjoni akbar il-fatt jew l-għemil li jkun se jitwettaq u li dwaru jkun qed jintalab li l-intimat jinżamm, sabiex imbagħad il-qorti tqis jekk dak il-fatt jew dak l-għemil hux bi ksur tal-liġi jew tad-dritt tar-rikorrent.

11. Jifdal biss l-ewwel parti tat-talba tar-rikorrenti, u ċjoè dik li trid iżżomm lill-intimati milli «*jinsistu fuq il-produzzjoni tad-dokumenti indikati minnhom fl-email tagħhom datata 14 ta' Marzu, 2024 hawn annessa u milli jiksbuhom bi kwalunkwe mod*».

12. Ir-rikorrenti jaċċettaw li l-Awtorità intimata għandha s-setgħa li titlob mingħandha dokumenti għal skopijiet regulatorji u ta' superviżjoni. Kemm hu hekk, ħareġ waqt is-smigħ li f'diversi okkażjonijiet fil-passat, l-Awtorità intimata talbet mingħand ir-rikorrenti dokumenti simili għal dawk li qed jintalbu issa, bħal minuti ta' laqgħat tal-bord tad-diretturi, u dawn kienu jingħataw. Ir-rikorrenti però jsostnu li din is-setgħa tal-Awtorità intimata, li toħroġ mill-artikolu 16(1)(a) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kapitolu 330 tal-liġijiet ta' Malta), trid tiġi eżerċitata b'mod raġjonevoli u hija ċirkoskritta għal «*dokumentazzjoni rilevanti*», li huma jgħidu li tfisser li tkun rilevanti għal skop partikolari, u għalhekk ma tistax tiġi eżerċitata *in abstracto*.

13. Ir-rikorrenti jgħidu li l-Awtorità intimata qiegħda tikkolludi mal-azzjonist maġġoritarju fis-soċjetà Em@ney plc, sabiex tassisti lil dak l-azzjonist jikseb dokumentazzjoni li m'għandux jedd għaliha. Isostnu li din il-kollużjoni tirriżulta mill-fatt li t-talbiet tal-Awtorità għal dawn id-dokumenti segwew talbiet tal-istess azzjonista għall-istess dokumenti, u anki eżebew dokument waqt is-smigħ tat-8 t'April 2024, sabiex juru li l-azzjonist in kwistjoni ġie nfurmat mill-intimati dwar dawn il-proċeduri.

14. Il-qorti tqis li r-rikorrenti jridu jissodisfawha li huma għandhom, imqar mad-daqqa t'għajn, jeddijiet kontra l-intimati. Naturalment fi proċedura bħal din ir-rikorrenti mhux mistennija li jipprovaw b'mod definittiv il-jedd li qed ivantaw. Huwa biżżejjed illi juru li dak il-jedd jidher minn eżami ħafif taċ-ċirkostanzi tal-każ, b'mod li juru li l-pretensjoni tagħhom tikkorrispondi ma' dritt li huwa magħruf mil-liġi u li, minn eżami ħafif tal-fatti, jidher li huwa tassew vestit fir-rikorrenti. Kif ġie ritenut antikament fid-deċiżjoni ***Gaetano Millar vs. Irene Millar*: «*Che sotto la denominazione di pretensione che possa essere assistita e sostenuta dai rimedi cautelatori riconosciuti dalla legge, non si deve intendere indistintamente qualunque domanda che si voglia dedurre in giudizio, e per cui si voglia fare spedire lo impedimento, ma bensi quelle domande che si riconoscessero, almeno prima facie e dietro un sommario esame del caso, giuste e ragionevoli, e non esorbitanti ed eccessive*»[3]. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-sentenza tagħha tat-8 t'April 1988 fl-ismijiet ***Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfrè***, osservat li: «*It-tieni rekwiżit, u ċjoè "li dan ir-rikorrenti prima facie jidher li għandu dawn il-jeddijiet huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat*»[4].

15. Issa, mad-daqqa t'għajn, hu evidenti li l-ordni magħmul mill-Awtorità intimata għall-provvista tad-dokumenti sar b'eżerċizzju ta' setgħa mogħtija lilha mil-liġi. B'żieda mad-dispożizzjoni ċitata mill-intimata u diġà msemmija aktar kmieni, l-qorti rat li l-artikolu 16(5) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta jipprovdi wkoll li: «*Id-dritt tal-Awtorità li tikseb tagħrif minn persuna li għandha jew kellha liċenza jew awtorizzazzjoni oħra, jew mingħand xi wieħed mill-uffiċjali jew impjegati ta' dik il-persuna, ma għandu jkun ristrett, imfixkel jew preklużż b'ebda mod...*». Ma jidhirx għalhekk li r-rikorrenti jistgħu iżommu b'mandat lill-Awtorità intimata milli taqdi l-funzjonijiet tagħha taħt l-Att, u lanqas ma jidher li għandhom jedd *prima facie* li jagħmlu dan.

[3] Kollezz. Vol.I.111.
[4] Din id-deċiżjoni hija riprodotta fid-deċiżjoni mogħtija fit-tieni istanza li warrbet preġudizzjali ta' nullità tal-appell interpost mid-deċiżjoni tal-ewwel istanza, u li tinsab ippubblikata (Kollezz. Vol.LXXII.ii.290). Id-deċiżjoni fil-meritu tat-tieni istanza ma jidhirx li ġiet ippubblikata.

16. Il-qorti ma jidhrilix li r-rikorrenti wrew, imqar fuq bażi *prima facie*, li tassew hemm xi kollużjoni lleċita bejn l-intimati u l-azzjonist maġġoritarju tas-soċjetà Em@ney plc. Mill-atti jidher li l-Awtorità intimata qed teżerċita l-funzjonijiet superviżorji u regolatorji tagħha sabiex tassikura ruħu dwar it-tmexxija tas-soċjetà Em@oney plc, partikolarment fid-dawl ta' litiġji li jidher li faqqgħu bejn l-azzjonisti tagħha. Jista' forsi jagħti l-każ li xi ħadd mill-azzjonisti qed jipprova jinkoraġixxi nvolviment akbar min-naħa tal-Awtorità sabiex javvanza l-pożizzjoni tiegħu, iżda dan ma jagħmilx l-azzjonijiet tal-Awtorità illeċiti jew kontra l-liġi.

17. La darba ma jidhirx li l-azzjonijiet tal-Awtorità intimata, u tal-intimati l-oħrajn, qed isiru għal skop illeċitu li allura jeżula mill-funzjonijiet u mis-setgħat li l-liġi tagħti lill-istess Awtorità, għandu jsegwi li r-rikorrenti mhux biss m'għandhomx jedd *prima facie* jżommu lill-Awtorità milli teżerċita l-funzjonijiet u s-setgħat tagħha, iżda wkoll għandhom id-dmir li jassistuha fit-twettiq tal-istess.

18. Hemm ukoll konsiderazzjoni addizzjonali li se ssir, anke jekk hija aktarx superfluwa fid-dawl tal-konklużjoni diġà milħuqa.

19. Jidher li min iħossu aggravat minn xi deċiżjoni tal-Awtorità intimata, għandu l-jedd iressaq appell minnha quddiem it-tribunal kostitwit bis-saħħa tal-artikolu 21 tal-Att preċitat. Mill-atti ma jirriżultax li r-rikorrenti ħadu xi azzjoni, għajr b'din il-proċedura u oħra simili għaliha li ġiet ċeduta, sabiex jikkontestaw dan l-ordni tal-Awtorità intimata[5].

20. Il-qorti tirrileva li huwa miżmum li l-proċedura għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni hija waħda eċċezzjonali u mhux ordinarja, li għandha per konsegwenza tirċievi interpretazzjoni dejqa u ristrettiva (ara per eżempju ***Allcare Insurance Limited vs. Judith-Anne Galea***, Prim'Awla, 15/1/2014, u l-ġurisprudenza hemmhekk ċitata). Per konsegwenza, u dejjem skont ġurisprudenza kostanti in materja, fejn jirriżulta illi r-rikorrent kellu rimedji <u>ordinarji</u> għad-disposizzjoni tiegħu (bħal per eżempju kontestazzjoni ta' ordni mogħti minn awtorità pubblika bil-mezz t'appell speċjali) iżda naqas li jinqeda bihom, mela allura mhux konsentit lilu li jirrikorri għal proċediment li

[5] Eżebit a folio 56 ta' dawn l-atti.

huwa meqjus bħala wieħed straordinarju u eċċezzjonali (ara f'dan is-sens ***Dr Kenneth Grima noe vs. Id-Direttur tal-Kuntratti***, Prim'Awla, 26/3/2013; ***Emanuel Baldacchino & Co. Ltd vs. Access Limited,*** Prim'Awla, 28/2/2020; ***Francesco Saverio Cutajar et vs. Awtorità tal-Ippjanar et***, Prim'Awla, 16/2/2023).

21. La darba għalhekk l-element ta' jedd *prima facie* ma jirriżultax, mhux neċessarju li l-qorti teżamina l-elementi l-oħrajn meħtieġa mill-artikolu 873 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

22. Għaldaqstant il-qorti qiegħda tiċħad it-talbiet kollha kif dedotti mir-rikorrenti fir-rikors tagħhom tal-20 ta' Marzu, 2024, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Mogħti kameralment fit-12 t'April, 2024.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur